MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Numru. 625/2001

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE VELLA
VS
DOMNIC BONETT
MICHAEL CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Domnic Bonett ta' 45 sena, iben l-mejjet Carmelo u l-mejta Maria Dolores nee Tabone, imwieled Sliema fid-29 ta' Jannar 1956 u joqghod 210, St Helen Street, Sliema u detentur tal-karta tal-identita numru 104356M u Michael Camilleri iben il-mejjet Joseph u Mikelina nee Abela, imwieled Dingli fl-10 ta' Gunju 1956 u li joqghod Pimpernel, Tumas Chetcuti Street, Attard u detentur tal-karta tal-identita numru 415156M talli f'dawn il-gzejjer, partikolarment f'San Pawl il-Bahar, fit-13 ta' Ottubru 2001 u matul ix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnhom, wkoll jew fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess dsposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;
Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' diversi persuni, fosthom Taukanova Lyudmyla u Bazan Svitlana.

Talli zammew jew esercitaw jew kellhom sehem ma ohrajn fl-esecizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' parti minnhom li huma jifrekwentaw jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Talli bhala is-sidien jew li ghandhom taht idejhom l-amministrazzjoni ta' dawn jew fond bl-isem Flat Nru 6, White Flat, Triq l-Arznell, San Pawl il-Bahar, xjentement ta b'kiri jew ippermettew l-uzu ta'dan il-post ghal skopijiet ohra immorali.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-27 ta' Settembru 2004 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat in-nota konguntiva tal-Avukat Generali u tal-imputati ai termini tal-Art 453A(1)(2)  tal-kap 9.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 18, 28A tal-kap 9 Art 7, 8, u 10 tal-kap 63 u tikkundannahom ghal tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin u multa ta' Lm150 kull wiehed li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------